# L-IMĠIBA MAL-BARRANIN

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**
**Ġen 18, 1-10a**

F'dak iż-żmien: Il-Mulej deher lil Abraham ħdejn il-balluta ta' Mamre, waqt li kien bilqiegħda f'bieb il-għarix, għall-ħabta ta' nofsinhar. Abraham refa' għajnejh u ħares, u ra tlett irġiel weqfin quddiemu; u, malli rahom, ġera lejhom minn bieb il-għarix u xteħet għarrkobbtejh fl-art, u qal: "Sidi, jekk f'għajnek minni, tibqax sejjer minn għala l-qaddej tiegħek. Ħa nġibu ftit ilma biex taħslu riġlejkom u strieħu taħt is-siġar, sakemm inġib ftieta ħobż biex titrejqu biha.
Imbagħad morru; għax hekk jixraq, la għaddejtu għand il-qaddej tagħkom,'' U qalu: ''Tajjeb, għamel kif għedt.''
U Abraham għaġġel mar lejn Sara fil-għarix u qalilha: ''Fittex aqbad tlett sigħan smid, għaġnu u għamlu ftajjar.''
Imbagħad Abraham ġera 'l fejn kienu l-baqar, qabad għoġol tari u qawwi, u tah lill-qaddej biex imur igħaġġel isajru. Ħa baqta u ħalib u l-għoġol li sajjar, u qegħidhom quddiemhom, waqt li hu qagħad bil-wieqfa ħdejhom taħt is-siġra, huma u jieklu.
Qalulu: ''Fejn hi Sara martek?'' Weġibhom: ''Hemm, fil-għarix.'' U wieħed mill-irġiel qal: ''Meta nerġa' niġi għandek minn hawn sena bħal daż-żmien, Sara martek ikollha tifel.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 14**
**Mulej, min igħammar fid-dar tiegħek?**

Min jimxi bla ħtija u jagħmel is-sewwa,
min jgħid is-sewwa f'qalbu,
min ma jqassasx bi lsienu.

**R/. Mulej, min igħammar fid-dar tiegħek?**

Min ma jagħmilx id-deni lil għajru,
anqas ma jgħajjar lill-proxxmu tiegħu,
min xejn ma jqis lill-bniedem imwarrab,
imma jweġġah 'il dawk li jibżgħu mill-Mulej.

**R/. Mulej, min igħammar fid-dar tiegħek?**

Min flusu ma jislifhomx bl-imgħax,
Min ma jiħux rigali kontra l-innoċenti.
Min jagħmel dan ma jitħarrek qatt.

**R/. Mulej, min igħammar fid-dar tiegħek?**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin.**
**Ko1, 24-28**

Ħuti: Jien issa ferħan bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu, li hu l-Knisja. Ta' din il-knisja jiena sirt ministru, skond ma tani Alla nagħmel għalikhom, jiġifieri nxandar il-kelma t'Alla l-misteru li kien moħbi għall-bnedmin kollha sa miż-żminijiet kollha, u li issa hu mgħarraf lill-qaddisin tiegħu, lil dawk li Alla ried igħarrafhom kemm huwa kbir fost il-pagani l-għana tas-sebħ ta' dan il-misteru, li hu Kristu fikom, it-tama tal-glorja tagħkom. Lilu aħna nħabbru lill-bnedmin kollha, u nwissi u ngħallmu lil kulħadd bil-għerf kollu, biex inwasslu lil kull bniedem għall-perfezzjoni bi Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah, Hallelujah.**
In-ngħaġ tiegħi jisimgħu leħni, jgħid il-Mulej;
u jiena nagħrafhom u huma jimxu warajja.
**Halllelujah**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 10, 38-42**

F'dak iż-żmien: Ġesu' daħal f'raħal, u laqgħetu għandha waħda mara jisimha Marta. Din kellha oħtha, jisimha Marija, li niżlet bilqegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed ighid.

Iżda Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar. Imbagħad resqet u qaltlu: "Mulej, mintix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi!'' Qabeż il-Mulej u qalilha: "Marta, Marta, inti tieħu rasek u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ: imma ħaġa waħda hi meħtieġa. Hi Marija li għażlet is-sehem it-tajjeb, u ma jitteħdilhiex.''

**Il-Kelma tal-Mulej.**